# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 5 ta' Gunju tas-sena 2001.**

**Numru**

**Avviz numru 342/01/SM**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Awakenings Company Ltd.**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u hamsa u sebghin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (LM375.21,0) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 318618 li jgib il-klient numru 226576 (skond kif jirrizulta mill-anness "statement" Dok. A) liema servizz gie stallat fil-fond numru Queen's Gate, 1A, Triq il-Qasam, Swieqi, u dana skond ma kif jidher mill-anness "service agreement" Dok. B;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta` konvenuta naqset u ma deheritx, la fid-29 ta' Mejju tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**